kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef u ħames mija u dsatax-il ewro u sebgħin ċenteżmu (€4,519.70) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 70. Kiri għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena tal-fond tale quale li jikkonsisti f'garaxx u kamra f'Nri. 49/51, Triq San Anton, Ħ'Attard kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.220_85_A. L-arja ta' fuq dan il-fond mhijiex inkluża ma' din l-offerta. Dan il-fond qed jiġi offrut fl-istat li jinsab fih inklużi xi difetti li jista' jkun hemm moħbija. Dan il-fond ma jistax jinxtara bl-iskema tal-garaxxijiet. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b' bid-bond għall-ammont ta' €18,300 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sitt elef u mitt ewro (€6,100) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

Is-27 ta' Diċembru, 2024

KAMRA TAR-RAPPREŻENTANTI
PARLAMENT TA' MALTA

Sejħa għall-Kwotazzjonijiet għall-Provvediment ta' sala għal-laqgħat u għas-Servizzi ta' Catering

Skop, Termini u Kundizzjonijiet

Il-Parlament ta' Malta se jkun qed jospita attività relatata mal-Presidenza tal-Kunsill tal-Ewropa f'Mejju, 2025. Il-Kumitat Presidenzjali u l-laqgħa tal-Bureau ser isiru nhar il-Ħamis, 22 ta' Mejju, 2025 u l-laqgħa tal-Kumitat Permanenti ser issir nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Mejju, 2025.

L-għan ta' din is-sejħa hija għall-provvediment ta':

Sala għal-laqgħat tal-Kumitat Presidenzjali u tal-Bureau fit-22 ta' Mejju, 2025.

of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four thousand and five hundred and nineteen euro and seventy cents (€4,519.70) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 70. Lease for a period of fifteen (15) years of the premises tale quale consisting of a garage and a room at Nos. 49/51, Triq San Anton, Ħ'Attard, as shown edged in red on the plan P.D.220_85_A. The airspace is not included with this tender. This premises is being offered in its present state including any latent defects. This premises cannot be bought through the garage scheme. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €18,300 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of six thousand and one hundred euro (€6,100) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

27th December, 2024

HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLIAMENT OF MALTA

Call for Quotations for Venue and Catering Services

Scope and Terms and Conditions

The House of Representatives, Parliament of Malta, will be hosting an event related to the Presidency of the Council of Europe. The Presidential Committee and The Bureau Meeting will be held on Thursday, 22nd May, 2025 and the Meeting of the Standing Committee will be held on Friday, 23rd May, 2025.

The purpose of this call is the provision of:

Conference venue for the Presidential Committee and Bureau meeting on 22nd May, 2025.

Sala għal-laqgħa tal-Kumitat Permanenti fit-23 ta' Mejju, 2025.

Servizzi ta' catering għat-22 ta' Mejju u għat-23 ta' Mejju, 2025.

4 uffiċċji separati li ser jintużaw mill-persunal.

1. Sala għal-laqgħat

Nhar il-Ħamis, 22 ta' Mejju, 2025

Sala għal-laqgħa li tesa' madwar 50 ruħ, irranġata fi classroom setting. Il-ħinijiet tal-laqgħa huma skedati mill-10.00 a.m. san-12.30 p.m. u mis-2.30 p.m. sal-5.30 p.m.

Nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Mejju, 2025

Sala għal-laqgħa li tesa' 100 ruħ, irranġata fi classroom setting. Il-ħinijiet tal-laqgħa huma skedati bejn l-10.00 a.m. u s-1.00 p.m. u bejn is-2.30 p.m. u l-5.30 p.m.

Tista' tintuża l-istess sala għaż-żewġ laqgħat.

L-offerent għandu jiżgura li jkun hemm spazju adegwat għal dan li ġej fil-postijiet ta' fejn ser isiru l-laqgħat (l-oġġetti indikati hawn taħt jiġu sottokuntrattati minn dan l-uffiċċju):

4 kabini separati għall-interpretazzjoni simultanja (madwar 2.5m wisa' x 1.6m tul x 2m għoli). Meta jkun qed isir id-disinn tat-tqassim tas-sala (irreferi għat-taqsima 4), l-offerent għandu jqis li l-kabini għandhom jitqiegħdu f'post fejn l-interpreti jkunu jistgħu jaraw il-kamra fejn ikunu qed isiru l-laqgħat.

Installazzjoni ta' sistema awdjoviżiva.

Installazzjoni tal-cables għall-provvista ta' 100 mikrofonu.

Minbarra dawn ta' hawn fuq, għaż-żewġ avvenimenti jkun meħtieġ ukoll:

Sinjali ta' fejn jinsabu s-swali/sala. Dawn iridu jintwerew b'mod ċar fid-daħla/foyer prinċipali tal-post u li jwasslu għas-sala/swali rispettivi.

Wi-fi ta' kwalità għolja disponibbli għall-parteċipanti kollha (wi-fi ikun meħtieġ ukoll biex isir live-streaming tal-avveniment).

Żona ta' reġistrazzjoni apposta fid-daħla għas-sala/swali tal-laqgħat (meħtieġa wkoll imwejjed għal finijiet ta' reġistrazzjoni u dokumentazzjoni oħra).

Conference venue for the Meeting of the Standing Committee on 23rd May, 2025.

Catering services for both 22nd May, 2025 and 23rd May, 2025.

4 separate offices to be used by personnel.

1. Venue

On Thursday, 22nd May, 2025

A conference venue is required for approximately 50 people, to be arranged in classroom setting. The meeting is scheduled to start at 10.00 a.m. to 12.30 p.m. and from 2.30 p.m. to 5.30 p.m.

On Friday, 23rd May, 2025

A conference venue is required for approximately 100 people, to be arranged in a classroom setting. The meeting is scheduled to start at 10.00 a.m. to 1.00 p.m. and from 2.30 p.m. to 5.30 p.m.

Both meetings can be held in the same room.

Both venues are to ensure that adequate space is to be provided for the following (the items indicated below are to be sub-contracted by this office):

4 separate interpretation booths for simultaneous interpretation (approx. 2.5mtrs wide x 1.6mtrs long x 2mtrs high) When drafting the layout (refer to section no 4), the bidder shall consider that the booths are to be placed in a spot where interpreters can see the meeting room.

Installation of an audiovisual system.

Cable installation for the supply of 100 microphones.

Further to the above, the House of Representatives requires the following for both events:

Signage for both meetings, which must be clearly displayed to at the main entrance/foyer of the venue and leading to the respective hall.

High-quality wi-fi, available for all participants (wi-fi will be also needed to do live-streaming of the event).

A dedicated registration area at the entrance of near the meeting room (tables for files and the signing of registration).

Is-sala/swali għandhom ikunu mdawla u aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. L-offerent għandu jiżgura li l-ħruġ tal-emerġenza kollha, u l-punti ta' assemblaġġ ikunu faċilment aċċessibbli u mmarkati b'mod ċar. L-offerent għandu jiżgura wkoll li jkun hemm kmamar tal-banju adegwati li jkunu dejjem faċilment aċċessibbli għall-parteċipanti kollha u li jinżammu nodfa matul l-avveniment.

Is-sala/swali għandhom ikunu 'l bogħod minn kull storbju u jkollhom faċilitajiet adegwati ta' arja kondizzjonata u l-provvisti kollha meħtieġa għall-konnessjonijiet elettriċi.

2. Uffiċċji għall-persunal

4 uffiċċji separati qrib il-kmamar tal-laqgħat kif ġej:

Uffiċċju li jakkomoda madwar 6 persuni (għas-Segretarjat tal-Assemblea). L-uffiċċju għandu jinkludi skrivaniji xierqa u siġġijiet tal-uffiċċju, kif ukoll spazju għal magna waħda tal-fotokopji heavy-duty u magna oħra tal-fotokopji ta' kapaċità baxxa (low capacity). F'każ li l-offerent jista' joffri magna tal-fotokopji heavy-duty, b'rendiment għoli ta' paġni, u/jew magna tal-fotokopji ta' kapaċità baxxa għall-użu mill-persunal waqt il-laqgħat, l-offerent għandu jinforma b'dan lill-Parlament u jinkludi dan fl-offerta finanzjarja. (Il-magna tal-fotokopji heavy-duty u b'rendiment għoli ta' paġni jeħtieġ li jkollha faċilità ta' riproduzzjoni b'veloċità għolja, b'kollazzjoni, stapling u stampar fuq żewġ naħat). Jekk l-offerent jipprovdi l-magni tal-fotokopji msemmija hawn fuq, l-offerent għandu wkoll jipprovdi tekniku fuq il-post biex jassisti fiż-żewġ ġranet.

Uffiċċju wieħed għall-President (l-ebda tagħmir meħtieġ).

Uffiċċju wieħed għas-Segretarju Ġenerali tal-Assemblea (l-ebda tagħmir meħtieġ).

Uffiċċju wieħed għall-persunal parlamentari (l-ebda tagħmir meħtieġ).

Għandhom jiġu pprovduti flixkun/fliexken tal-ilma għall-użu tal-persunal fl-uffiċċji kollha msemmija hawn fuq.

L-uffiċċji kollha għandhom ikunu mdawla u aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, u jkollhom faċilitajiet adegwati ta' arja kondizzjonata u wi-fi ta' kwalità għolja.

3. Servizzi ta' catering

Nhar il-Ħamis, 22 ta' Mejju, 2025 u l-Ġimgħa, 23 ta' Mejju, 2025.

Stazzjon tal-kafè li jservi kafè frisk, għażla ta' tejiet, ilma mingħajr gass u bil-gass, juices u gallettini differenti, li għandhom jiġu servuti tul il-laqgħat fiż-żewġ ġranet.

Both venues are to be well lit and fully accessible for persons with disabilities. The awarded bidder must ensure that all emergency exits, and assembly points are easily accessible and clearly marked and that restrooms are always easily accessible to all participants and maintained clean during the event.

Both venues must be located away from any noise. Additionally, both venues must have adequate air-conditioning facilities and all the necessary supplies for electrical connections.

2. Offices for personnel

4 separate fully equipped offices close to the meeting rooms as follows:

1 large office to accommodate approx. 6 people (Secretariate of the Assembly). The office must include appropriate desks and office chairs and space for 1 heavy-duty photocopy machine and 1 lower capacity photocopy machine. Should the awarded bidder have a heavy-duty, high page yield photocopy machine and/or a low-capacity photocopy machine available for the personnel to use during the meetings, the awarded bidder is to inform this office and include this in financial quote (please note that the heavy-duty and high page yield photocopy machine needs to be with a high-speed reproduction facility with collation, stapling and two-sided printing). Should the awarded bidder provide the above-mentioned photocopy machines, the awarded bidder shall also provide a technician on-site to assist on both days.

1 office for the President (no equipment required).

1 office got the Secretary General of the Assembly (no equipment required).

1 office for the parliamentary staff (no equipment required).

Free flowing bottle of waters shall be available in the above-mentioned offices.

All offices are to be well lit and fully accessible for persons with disabilities. All offices are to have adequate air-conditioning facilities and high-quality wi-fi.

3. Catering services

On Thursday, 22nd May, 2025 and on Friday, 23rd May, 2025.

A coffee station serving fresh coffee, assorted teas, still and sparkling water, juices, and assorted biscuits, to be served for the duration of the meetings on both days.

L-oġġetti kollha servuti għandu jkollhom tikketti bl-isem tal-prodott u lista tal-allerġeni tal-ikel ewlenin.

Nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Mejju, 2025

Ikla ħafifa stand-up għal madwar 120 ruħ, inkluż ilma u juices b'baġit ta' €50 kull persuna (VAT inkluż).

- Riċeviment stand-up għal madwar 120 ruħ, inkluż open bar b'inbejjed lokali, birer lokali, ilma, u juices b'baġit ta' €55 kull persuna (VAT inkluż).

L-ikel kollu għandu jkollu tikketti li jindikaw l-isem tal-prodott u lista ta' allerġeni tal-ikel ewlenin). L-offerent għandu jaħseb għal diversi rekwiżiti tad-dieta, inklużi intolleranzi għal ikel jew kif ordnat mill-Parlament. L-għażla tal-ikel trid tinkludi wkoll għażla veġetarjana.

4. Informazzjoni oħra

Minħabba li dan huwa avveniment ta' livell għoli, il-persunal fil-post irid ikun liebes b'mod xieraq.

L-offerenti għandhom jipprovdu stampi tal-post tal-konferenza propost, tal-postijiet għall-catering, kif ukoll tal-uffiċċji proposti.

L-offerenti għandhom jipprovdu disinn tat-tqassim tal-post tal-konferenza propost għaż-żewġ avvenimenti.

Il-post tal-konferenza u l-uffiċċji għandhom ikunu disponibbli mill-inqas jumejn qabel l-avveniment biex issir l-installazzjoni tat-tagħmir meħtieġ.

L-offerenti għandhom jipprovdu menu għall-catering propost.

5. Sottomissjoni tal-Kwotazzjonijiet

L-offerti għandhom jintbgħatu b'email fl-indirizz li ġej: (dcs.parlament@parlament.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 3 ta' Jannar, 2025.

L-organizzaturi jirriżervaw id-dritt li jemendaw is-servizzi mitluba hawn fuq, b'konsultazzjoni mal-offerent magħżul.

Is-27 ta' Diċembru, 2024

CENTRAL PROCUREMENT U SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

All served items must be accompanied by product name tags and a list of main allergens.

On Friday, 23rd May, 2025

A light stand-up lunch for approx. 120 guests including water and juices with a budget of €50 per person (inclusive of VAT).

A stand-up reception for approx. 120 guests including an open bar with local wines, local beers, water, and juices with a budget of €55 per person (inclusive of VAT).

All food should be properly labelled (product names tags and list of main allergens) and cater for various dietary requirements including food intolerances or as directed by this office. The selection of food must include a vegetarian option.

4. Other information

Given that this is a high-level event, personnel at the venue must be dressed appropriately.

Bidders are to provide pictures of the proposed venue conference and venues for caterings as well as pictures of the offices provided.

Bidders are to provide a designed layout of the proposed conference venue for both events.

The conference venue and offices are to be available at least 2 days prior to the event to make the necessary installation of equipment.

Bidders are to provide a sample menu for the requested catering.

5. Submission of Quotations

Quotations must be submitted by email to the following address: (dcs.parlament@parlament.mt) by not later than noon of Friday, 3rd January, 2025.

The organisers reserve the right to amend the services requested above, in consultation with the selected bidder.

27th December, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministry for Health and Active Ageing, notifies that:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 24 ta' Jannar, 2025. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFT 021-4305/24. Imipramine 25mg tablets
CFT 020-4306/24. Tracheostomy tubes cuffed with inner cannula
CFT 021-4307/24. Vitamin Emulsion (Infant) for I.V. Infusion
CFT 021-4308/24. Calcium 500mg Tablets/Chewable Tablets
CFT 021-4309/24. Food Preparation - Flavour Sachets
CFT 021-4310/24. Aciclovir 200mg/5mL Oral Suspension
CFT 021-4311/24. Ipratropium Bromide Inhaler
CFT 021-4312/24. Caffeine Citrate Solution for Infusion
CFT 019-4313/24. Butter/Margarine
CFT 021-4314/24. Alfacalcidol oral drops
CFT 021-4315/24. Emicizumab solution for injection
CFT 020-4316/24. Silo Bags
CFT 021-4317/24. Amoxicillin u Clavulanic Acid 500mg/125mg Tablets/Capsules
CFT 021-4318/24. Glucose (Dextrose Monohydrate) 10% in Sodium Chloride 0.18% x 500mL IV Infusion Fluid
CFT 009-4319/24. Dwal ta' emerġenza
CFT 009-4320/24. Full Face Masks għal diversi wards fl-Isptar Mater Dei
CFT 020-4321/24. Vicryl 6/0 Undyed

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQs tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Is-27 ta' Diċembru, 2024

KUNSILL LOKALI X-XEWKIJA

Il-Kunsill Lokali x-Xewkija jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, is-27 ta' Jannar, 2025, jintlaqgħu offerti permezz tal-ePPS fil-Kunsill Lokali x-Xewkija għal:

Avviż Nru XLC/06/2024. Xogħlijiet - Rinovar ta' latrina pubblika fil-bandli ta' Triq il-Ħamrija, ix-Xewkija, Għawdex (Ħruġ mill-ġdid).

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Friday, 24th January, 2025. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFT 021-4305/24. Imipramine 25mg tablets
CFT 020-4306/24. Tracheostomy tubes cuffed with inner cannula
CFT 021-4307/24. Vitamin Emulsion (Infant) for I.V. Infusion
CFT 021-4308/24. Calcium 500mg Tablets/Chewable Tablets
CFT 021-4309/24. Food Preparation - Flavour Sachets
CFT 021-4310/24. Aciclovir 200mg/5mL Oral Suspension
CFT 021-4311/24. Ipratropium Bromide Inhaler
CFT 021-4312/24. Caffeine Citrate Solution for Infusion
CFT 019-4313/24. Butter/Margarine
CFT 021-4314/24. Alfacalcidol oral drops
CFT 021-4315/24. Emicizumab solution for injection
CFT 020-4316/24. Silo Bags
CFT 021-4317/24. Amoxicillin and Clavulanic Acid 500mg/125mg Tablets/Capsules
CFT 021-4318/24. Glucose (Dextrose Monohydrate) 10% in Sodium Chloride 0.18% x 500mL IV Infusion Fluid
CFT 009-4319/24. Emergency Lights
CFT 009-4320/24. Full Face Masks for various wards at Mater Dei Hospital
CFT 020-4321/24. Vicryl 6/0 Undyed

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

27th December, 2024

XEWKIJA LOCAL COUNCIL

The Xewkija Local Council notifies that:

Tenders will be received through ePPS by the Xewkija Local Council till Monday, 27th January, 2025 up to 10.00 a.m. for:

Advt. No. XLC/06/2024. Works - Upgrading of public convenience in the playing field at Triq il-Ħamrija, Xewkija, Gozo (Re-Issue).

Id-dokumenti tal-offerti huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kwalunkwe offerta anke l-iktar waħda vantaġġjuża.

Is-27 ta' Diċembru, 2024

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

27th December, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2998

ARB/103/2024 – ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-16 ta' Diċembru, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (il-Maġistrat Dott. Victor G. Axiak, LLD). Kumpilazzjoni Numru 1037/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

JASON ADRIAN PEREZ PENAFIEL, diżokkupat, ta' 28 sena, iben Dawin Neys Perez Sevillano u Zailu Isabella Perafiel Lopez, imwieled l-Ekwador fil-21 ta' Ottubru, 1996, residenti fi Spanja u detentur ta' passaport Ekwadorjan bin-numru 0504055310.

U

JENNIFER YADIRA INTRIAGO MOLINA, carer, ta' 35 sena, bint il-mejjet Franklyn Ramon Intriago Sadando u Angela Del Rosio Molina Zamora, imwielda l-Ekwador fid-9 ta' Awwissu, 1989, u residenti f'Barċellona, Spanja, u detentriċi ta' passaport Ekwadorjan bin-numru 1205944562.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' JASON ADRIAN PEREZ PENAFIEL u JENNIFER YADIRA INTRIAGO MOLINA u pprojbiethom milli jittrasferixxu, jagħtu b'rahan, jipotekaw jew xort'oħra jiddisponu minn xi propjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputati li jirċievu l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena bħala l-ammont massimu, minn fejn għandhom jiġu speċifikati liema flejjes

ARB/C103/2024 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 16th December, 2024, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Victor G. Axiak, LLD). Compilation Number 1037/2024, in the case:

The Republic of Malta

Versus

JASON ADRIAN PEREZ PENAFIEL, unemployed, 28 years, son of Dawin Neys Perez Sevillano and Zailu Isabella Perafiel Lopez, born in Ecuador on the 21st October, 1996, and residing in Spain and holder of Ecuadorian passport bearing number 0504055310.

AND

JENNIFER YADIRA INTRIAGO MOLINA, carer, 35 years, daughter of the late Franklyn Ramon Intriago Sadando and Angela Del Rosio Molina Zamora, born in Ecuador on the 9th August, 1989, and residing in Barcelona, Spain and holder of Ecuadorian passport bearing number 1205944562.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to JASON ADRIAN PEREZ PENAFIEL and JENNIFER YADIRA INTRIAGO MOLINA and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) annually as the maximum amount, from which it shall be specified what

jistgħu jitħallsu jew jiġu rċevuti mill-imputati matul is-sussistenza ta' din l-ordni, ossija s-sors, il-mod u l-modalitajiet l-oħra tal-ħlas inklużi salarju, paga, pensjoni u/jew benefiċċji tas-sigurtà soċjali, wara li l-imputati jiddikjaraw permezz ta' rikors is-sors tal-fondi li għandhom jiġu perċepiti.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 23 ta' Diċembru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

moneys may be paid or received by the accused during the existence of this order, including the source, method and other modalities of payments including salary, wages, pension and/or social security benefits, after the accused declare by means of an application the source of the funds which are to be perceived.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 23rd December, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2999

ARB/C057/2020 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fid-19 ta' Diċembru, 2024, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Edwina Grima, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

DARREN DEBONO;

JEFFREY CHETCUTI;

WORLD WATER FISHERIES LIMITED;

ANDREA MARTINA LIMITED;

MARIE DE LOURDES COMPANY LIMITED;

U

COAST LIMITED, b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C83217 li għandha l-indirizz irreġistrat bħala 19, Dar il-Bir, Triq il-Barrieri, Il-Mosta, Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lis-soċjetà COAST LIMITED sabiex tħallas għat-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni bir-referenza numru P17051282-22 u l-liċenzja tat-triq tal-istess

ARB/C057/2020 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 19th December, 2024, given by the Criminal Court (the Hon. Madam Justice Dr Edwina Grima, LLD). In the case:

The Republic of Malta

Versus

DARREN DEBONO;

JEFFREY CHETCUTI;

WORLD WATER FISHERIES LIMITED;

ANDREA MARTINA LIMITED;

MARIE DE LOURDES COMPANY LIMITED;

AND

COAST LIMITED, with Maltese registration number C 83217 and registered address at 19, Dar il-Bir, Triq il-Barrieri, Mosta, Malta.

The Court AUTHORISES the accused COAST LIMITED to pay the renewal of the insurance policy with reference number P17051282-22 and the road license for the

vettura rreġistrata f'isem is-soċjetà imputata fl-ammont ta' €1,656.46. Illi dan il-ħlas se jiġi eżegwit mill-kont tal-bank intestat f'isem is-soċjetà COAST LIMITED li jispiċċa -3849 u li huwa miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD) fl-24 ta' Novembru, 2020, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-1 ta' Diċembru, 2020, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Darren Debono, Jeffrey Chetcuti, World Water Fisheries Limited, Andrea Martina Limited, Marie De Lourdes Company Limited, u COAST LIMITED.

Illum 23 ta' Diċembru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

same vehicle registered in the name of the accused in the amount of €1,656.46. That this payment shall be carried out from the bank account registered in the name of the accused COAST LIMITED ending in -3849 and held with the Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD) on the 24th November, 2020, which was published in the Government Gazette on the 1st December, 2020, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Darren Debono, Jeffrey Chetcuti, World Water Fisheries Limited, Andrea Martina Limited, Marie De Lourdes Company Limited, and COAST LIMITED

Today 23rd December, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

3000

Avviż mir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Billi Dale John sive Dale Mifsud Magro (KI 346899M) ippreżenta rikors ġuramentat (numru 1353/2024JVC) fejn giet mitluba il-korrezzjoni tal-Att tar-Registru pubbliku numru 3468/1999 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum 24 ta' Diċembru, 2024

CORA CATANIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry of the Civil Court, First Hall

Whereas Dale John sive Dale Mifsud Magro (ID 346899M) filed an application under oath (No 1353/2024JVC) demanding the correction of the act of Public Registry number 3468/1999 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

Today 24th of December, 2024

CORA CATANIA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

3001

CARMEL SIVE CHARLES LAWRENCE AZZOPARDI ppreżenta rikors ġuramentat numru 111/2024 (SG) fl-ismijiet: 'Azzopardi Carmel vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex' fejn talab il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid ta' Carmel sive Charles Lawrence Azzopardi numru ħames mija u tnejn u disgħin tas-sena elf disa' mija u disgħa u erbgħin (592/1949) u f'kull att tal-istat ċivili ieħor relattiv ta' Carmel sive Charles Lawrence Azzopardi.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il (15) ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja hawn imsemmija bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Illum 20 ta' Diċembru, 2024

JOHN VELLA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

WHEREAS CARMEL SIVE CHARLES LAWRENCE AZZOPARDI filed a writ of summons number 111/2024 (SG) in the names: 'Azzopardi Carmel vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex' demanding corrections in the Act of Birth of Carmel sive Charles Lawrence Azzopardi bearing number five hundred ninety-two of the year one thousand nine hundred and forty-nine (592/1949) and in every other civil status act relative to Carmel sive Charles Lawrence Azzopardi.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen (15) days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified, by the service of a copy of the said writ of summons, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

Registry of the Courts of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction,General Section

This 20th December, 2024

JOHN VELLA
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

3002

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla, fit-28 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru1647/2024/1AF, li ġie ppreżentat fl-10 ta' Ottubru, 2024, fl-ismijiet: Cachia Stephen vs Caligari Nicholas, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-smiegħ għal nhar it-8 ta' Jannar, 2025, fil-11.00 a.m.

Notifika Intimat: Caligari Nicholas, 59, El Nickyle, Triq Dun Amabile Sisner, Pembroke

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Diċembru, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 28th October, 2024, in the records of the Warrant of Prohibitory Injunction number 1647/2024/1AF, which was filed on the 10th October, 2024, in the names: Cachia Stephen vs Caligari Nicholas, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12, for the purpose of service of the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: This Honourable Court orders the issuing of the Warrant of Prohibitory Injunction against the respondent.

The Warrant of Prohibitory Injunction in the names mentioned above is deferred for hearing on the 8th January, 2025, at 11.00 a.m.

Notify Respondent: Caligari Nicholas, 59, El Nickyle, Triq Dun Amabile Sisner, Pembroke

Registry of the Superior Courts, today 9th December, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*